MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 2198/2000/1

**Peter u Maria Stella sive Marisa konjugi Williams.**

**-vs-**

**Josef Lasselsberger.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2000 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' dghajsa, ossia "catamaran" li ggib l-isem "Aragorn", u li hi miktuba fir-registru Navali Malti bin-numru S12789.

U illi fil-15 ta' Lulju 2000 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofs in-nhar, l-atturi kien irmiggjaw id-dghajsa taghhom skond is-

sengha u l-arti, u kif kellhom permess li jaghmlu, fl-inhawi tal-Bajja ta' Salina, il-Qawra, fejn kien hemm irmiggjati diversi dghajjes ohra.

U illi waqt li kien hekk irmiggjata id-dghajsa tal-atturi kienet involuta f'kollizjoni ma "jet-ski" taht il-kontroll tal-konvenut bil-konsegwenza ta' liema kollizjoni d-dghajsa tal-atturi sfat mgharrqa parzjalment.

U illi din il-kollizjoni grat unikament tort tan-negligenza, imperizja jew nuqas ta' harsien ta' regolamenti tal-konvenut, dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh tal-kawza.

U illi bhala risultat ta' din il-kollizjoni l-atturi soffrew danni ingenti fid-dghajsa proprjeta taghhom.

U illi inoltre l-atturi soffrew danni f'telf ta' qligh billi ma setghux jonoraw impenji ma terzi ghall-kiri tad-dghajsa dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza.

U illi l-konvenut, interpellat kemm bonarjament kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, baqa' inadempjenti.

U illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fid-dghajsa taghhom, liema danni saru f'kollizzjoni ma jet-ski taht il-kontroll mill-konvenut, liema kollizjoni sehhet intjerament b'rizultat tal-imperizja, negligenza jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti da parti tal-konvenut jigi premess f'din ic-citazzjoni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kif premess, okkorendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna il-konvenut ghall-hlas tad-danni likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-atti kawtelatorji kollha opportuni, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob il-hlas ta' danni soferti minnu meta d-dghajsa proprjeta' tieghu giet dannegjata wara kollizjoni ma' *jet-ski* proprjeta' tal-konvenut. Il-konvenut ma ppresentax eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumaci skond il-Ligi, nonostante li kien inkariga Avukat biex jippatrocinah (Fol 18). Ir-rapport tal-Pulizija a Fol 23 tal-process jikkonferma dak li qal l-attur u cioe' li l-konvenut tilef kontroll tal-*jet-ski*, b'rizultat li baqa' diehel fid-dghajsa tal-attur li kienet stazzjonarja dak il-hin. Ghalhekk il-konvenut hu responsabbli ghall-incident u d-danni konsegwenzjali.

L-attur xehed a Fol 29 tal-process u qal illi sofra danni ta' ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) fil-*catamaran* tieghu u li kellu proposta ta' negozju li minhabba fl-incident tilef ukoll qliegh iehor. Mid-dokument esebit a Fol 43 tal-process jidher li d-ditta assikuratrici tal-konvenut kienet offritlu u hallsitu sitt

elef, hames mija u hamsa u tletin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm6,535.23c) izda hu rrisponda li kellu iktar spejjes u cioe' elf, mitejn u tmintax-il Lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,218.30c) ohra u anke li kellu *loss of earnings*. Din is-somma l-attur talabha ghax skond hu kellu spejjes in konnessjoni mal-importazzjoni ta' injam appositu ghad-dghajsa u l-ispejjes biex icaqlaqha minn Manoel Island (Fol 44). Ghandu jinghad li l-pagament sar f'Marzu 2001 u cioe' fil-mori tal-kawza.

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna illi kontumacja hija kontestazzjoni u ghalhekk il-Qorti hija fid-dmir tara jekk it-talbiet ulterjuri tal-attur humiex gustifikati. Il-Qorti thoss li l-attur ma gabx provi bizzejjed fir-rigward tat-telf ta' qliegh u certament ma tistax taccetta l-ittra esebita minnu bhala prova sufficjenti (Fol 26). Jidher li thallas ghall-injam izda mhux ghal dak li kellu jimporta u certament ghandu ragun jitlob il-hlas ghac-caqliq tal-vettura. Ghalhekk it-talba tieghu ghal elf, mitejn u tmintax-il Lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,218.30c) hija gustifikata. Il-fatt li l-hlas intbaghat a saldu ma jfissirx li ghandha torbot lill-attur ghaliex il-hlas ma sarx il-konvenut u l-pagament intbaghat mid-ditta assikuratrici li m'hijex parti fil-kawza.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-kontuamcja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u tmintax-il Lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,218.30c); l-ispejjes jthallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------